

32002R0361

28.2.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 58/5

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 361/2002
tas-27 ta' Frar 2002**

**li jemenda r-Regolment (KE) Nru 936/97 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi
għal-laħam taċ-ċanga frisk ta' kwalità għolja, imkessaħ u ffriżat u għal-laħam iffriżat tal-buflu**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni tas-suq komuni tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2345/2001 ⁽²⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 936/97 tas-27 ta' Mejju 1997 li jintroduċi u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi għal-laħam taċ-ċanga frisk, imkessaħ u ffriżat ta' kwalità għolja u għal-laħam iffriżat tal-buflu ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 134/1999 ⁽⁴⁾, u partikolarment l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

Il-Kanada nnominat awtorità ġdida bis-setgħa li toħroġ ċertifikati ta' awtentiċità. L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 936/97 għandu għalhekk ikun b'hekk emendat,

Artikolu 1

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 936/97, l-awtorità msejja "Il-Ferġha tal-Produzzjoni ta' l-Ikel u ta' l-Ispezzjoni – Agrikoltura Kanada, Direction Générale 'Production et inspection des aliments' – Agriculture Kanada" hija hawnhekk mibdula bi "L-Aġenzija Kanadiża ta' l-Ispezzjoni ta' l-Ikel – Government of Kanada/Agence canadienne d'inspection des aliments – Gouvernement du Kanada".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Frar 2002.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21.

⁽²⁾ ĠU L 315, ta' l-1.12.2001, p. 29.

⁽³⁾ ĠU L 137, tat-28.5.1997, p. 10.

⁽⁴⁾ ĠU L 17, tat-22.1.1999, p. 22.